TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 1875

Kaz Nru 2432/HW

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Tabone

u

Construct Furniture Co Ltd.

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

9 ta' Ottubru, 2008

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni prezentata fir-registru tal-Qorti Superjuri datata 23 ta' Novembru, 2006 biex tigi processata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Is-Sur Anthony Tabone li minn issa jidher bhala l-Appellant kien assistit mill-Avv. Kevin Deguara. Ghas-Socjeta Construct Furniture Co. Ltd., dehret is-Sinjura Brigitte Agius assistita mill-Avv. Frank Chetcuti Dimech.

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant jghid, li kien impjegat mas-socjeta Construct Furniture Co. Ltd mill-20 ta' Dicembru 1999. Huwa jkompli jghid, li fis-26 ta' Lulju, 2006 inghata avviz mis-socjeta fejn gie mgharraf illi kien se jintemmlu l-impjieg tieghu mill-ghada 27 ta' Lulju, 2006. Huwa jghid ukoll, li fl-istess avviz inghad illi dan kien qieghed isir minhabba li l-Kumpanija kienet kostretta tnaqqas in-numru ta' impjegati.

L-appellant ikompli jghid, li fl'istess avviz gie nfurmat li qieghed jircievi wkoll il-hlas ta' tmien gimghat paga bhala notice money. Izda l-payslip datata wkoll 26 ta' Lulju, 2006 turi bic-car li l-esponent thallas ammont ta' notice sostanzjalment anqas minn dak dovut lilu skond il-ligi. Infatti, huwa inghata hlas ta' 16 il-gurnata notice anqas milli fil-fatt kien dovut lilu.

L-appellant ikompli jghid, li xi granet wara li nghata l-avviz ta' terminazzjoni ta' l-impieg minhabba redundancy, huwa gie mistieden minn rapprezentanti tal-Kumpanija sabiex jiffirma l-formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-ETC. L-appellant ikompli jghid, li hu ffirma din il-formola ta' l-ETC minhabba li ragjonevolment haseb illi din kienet konformi ma l-avviz ta' terminazzjoni ta' l-impieg moghti lilu jum qabel stess, fis-26 ta' Lulju 2006, u cioe minhabba redundancy. Naturalment, meta pprezentat bil-formola tat-terminazzjoni ta' ETC, huwa kien taht l-impressjoni li qieghed jiffirma ghal din ir-raguni, u mhux ghal ragunijiet ohra. L-appellant ikompli jghid, li xi jiem wara skopra li kuntrarjament ghall-avviz tat-terminazzjoni, din il-formola ta' l-ETC kienet tindika li l-impieg tieghu gie terminat minhabba problemi ta' sahha.

L-appellant ikompli jghid, illi l-kopja ta' l-istess formola ta' l-ETC datata 26 ta' Lulju li giet mghoddija lilu mis-socjeta turi data tat-terminazzjoni diversa minn dik kif kienet fil-fatt u cioe' s-26 ta' Gunju 2006. Din il-formola kienet tindika d-data tat-terminazzjoni bhala 8 ta' Awissu, 2006 u huwa ma setghax jifhem ghall-liema raguni giet mibdula din id-data.

L-Appellant ikompli jghid, illi fl-istess data ta' 8 ta' Awissu 2006, is-socjeta harget BOV cheque numru 3140 ghas-somma ta' LM 119.55 f'ismhu bhala hlas tan-notice li kienu ghadhom dovuti lilu. Izda dan il-pagament ma kienx bizzejjed sabiex ikopri l-perjodu tan-notice li kien ghadu ma thallasx. Ghalhekk, is-socjeta kienet sfurzata li tohrog cheque iehor li kien ta' APS numru 4107 ghas-somma ta' LM111.28 datat 20 ta' Settembru 2006, li kien ikopri l-ammont pendenti dovut lilu. L-appellant jghid ukoll, li din is-sitwazzjoni giet ratifikata wara aktar minn xahrejn wara

korrispondenza bejn il-konsulenti legali tal-partijiet u l-involviment ta' l-Ufficcju Distrettwali tas-Sigurta Socjali ta' l-Msida.

L-appellant ikompli jghid fl-istqarrija tal-kaz tieghu, li m'huwiex accettabli li l-ewwel jinhareg avviz ta' terminazzjoni ta' impieg ghal redundancy, imbaghad l-ghada stess, fil-formola ta' terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-ETC tigi indikata raguni ohra u inoltre tezisti formola tat-terminazzjoni li tindika data diversa tat-terminazzjoni ta' l-impieg.

L-appellant ikompli jghid, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet ingusta u ma saritx ghal raguni valida skond kif titlob il-ligi.

Is-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li t-talba tar-rikorrent hija totalment infondata ghax huwa espressament talab illi jirrizenja mill-imjieg tieghu minhabba ragunijiet medici u pprezenta lis-socjeta intimata certifikat datat 26 ta' Lulju 2006, ezattament qabel ma gie nfurmat illi l-impjieg tieghu kien ser jigi terminat minhabba redundancy. Is-Socjeta tghid ukoll, illi z-zewg formoli ta' l-ETC dwar it-tmiem ta' l-impjieg tar-rikorrent jirriflettu ezattament l-istess informazzjoni bid-differenza li d-data tat-terminazzjoni kellha tigi aggustata biex tirrifletti l-fatt li gie kkoregut l-izball li kien ittiehed fil-kalkolazzjoni tal-hlas tan-notice.

Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien ilu mpjegat mas-socjeta ntimata mill-20 ta' Dicembru 1999 bhala carpentry. Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul Lulju 2006, l-appellant kellu xi problemi ta' sahha u kien ghaddej minn xi testijiet, pero bl-approvazzjoni tat-tabib huwa setgha johrog mid-dar. Quddiem it-Tribunal Industrijali dehru diversi xhieda fejn il-Kumpanija tghid, li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret ghall ragunijiet ta' sahha wara li l-appellant mar l'ufficcju tal-kumpanija fejn talab hu stess li jigi terminat l-impieg tieghu ghal ragunijiet ta' sahha, hija tghid ukoll li prova ta' dan hemm il-formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-ETC. Minn naha tieghu l-appellant jghid, li huwa mar fl'ufficcju tal-Kumpanija biex jipprezenta certifikat tas-sick leave u jigbor il-paga u meta mar

hemm gie pprezentat mill-Kumpanija b'ittra tas-sensja datata 26 ta' Lulju, 2006 liema ittra tghid " Minhabba cirkostanzi li l-Kumpanija m'ghandiex kontroll fuqhom, il-management tal-Kumpanija qed jigi kostrett inaqqas in-numru ta' l-impjegati. Ghaldaqstant, il-kumpanija kontra ix-xewqa taghha qeghda taghtik in-notice tat-tmiem l-impieg tieghek b'effett immedjat. Il-management jinfurmak illi d-drittijiet kollha tieghek se jkunu salvagwardjati u kull ammont dovut inkluz in-notice li japplika ghalik - 8 gimghat – qed ikun imhallas kollu ma din l-ittra. Ghaldaqstant, int mitlub li ma tirraportax ghax-xoghol minn ghada 27 ta' Lulju 2006". L'appellant jghid ukoll, li huwa kien gie pprezentat b'formola ta' ETC biex jiffirmaha, fil-fatt ghamel hekk pero bl'impressjoni li hu kien qed jigi tterminat fuq redundancy u mhux fuq ragunijiet ta' sahha. Quddiem it-Tribunal Industrijali l-appellant jghid ukoll, li wara sar jaf li haddiema li gew impjegati warajh u li kienu fl'istess kategorija tax-xoghol tieghu ma kienux gew issensjati u ghaldaqstant, ma kellux jigi ssensjat hu izda kellu jigi ssensjat haddiehor li dahal warajh fl'istess kategorija tax-xoghol tieghu. Din il-parti tax-xhieda ta' l-appellant giet valididata mill-provi fejn gie ppruvat minn dokumenti li l-appellant ma kienx l-ahhar impjegat li gie mpjegat fil-kategorija tax-xoghol tieghu u kienu dahlu haddiema ohra warajh fl'istess kategorija li baqaw fl'impjieg wara li l-appellant gie ssensjat.

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad, li qabel ma l-appellant mar fl'ufficcju tal-Kumpanija biex jipprezenta certifikat ta' mard u biex jigbor il-paga, il-Kumpanija kienet diga hadet id-decizjoni li tittermina l-impieg tieghu. Infatti, kienet diga harget il-karta tas-sensja kif ukoll ic-cekk ta' hlas ta' notice period biex ikopri l-perjodu ta' terminazzjoni ta' l-impieg tieghu. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-aspett li l-Kumpanija pprezentat formoli ta' l-ETC li tghati bhala raguni li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret ghal ragunijiet ta' sahha u mhux ta' sensja. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ma jeskludix anzi hija probabilita kbira li l-appellant ffaccjat bil-karta tas-sensja setgha kien mifxul u meta ffirma kien minghalih li qed jiffirma ghall-ragunijiet ta' sensja u mhux ghall-ragunijiet ta' sahha.

t-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tieghu jikkunsidra, li l-ittra li l-Kumpanija harget lill-appellant fejn infurmatu bit-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu u l-hlas li ghamlet il-Kumpanija lill-appellant ghall-finijiet tan-notice huma prova bizzejjed u jwassal lit-Tribunal Industrijali ghall-konkluzzjoni li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant saret ghall-raguni ta' sensja.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatments of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjoni tieghu citait hawn, it-Tribunal Industrijali jiddikjara li fuq il-formola ta' l-ETC bhala raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg ghandha titnizzel lack of work (redundancy). It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li l-appellant ma kienx l-ahhar haddiem li gie impjegat fil-kategorija tax-xoghol tieghu u ghaldaqstant ma kienx imiss lilu li jigi ssensjat u ghalhekk it-terminazzjoni ta' l-impieg minn mas-socjeta ma saritx skond il-ligi.

It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-appellant ma jigix moghti l-impieg lura huwa ghandu jigi moghti kumpenss ta' E 4,000(erba t'elef Euro) liema kumpenss ghandu jithallas mill-Kumpanija Construct Furniture Co. Ltd lill-appellant sa nhar il-Gimgha 31 ta' Ottubru 2008.

It-Tribunal Industrijali jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' E 93.18.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Vera kopja

M'Rose Galea

ft/ Harold Walls
Chairman

M'Rose Galea
Segretarja.